MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1779/2004

**Fogg Insurance Agencies Ltd (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Mario Dalli abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Mario Dalli (ID 691449M)**

**Vs**

**Roderick Debono**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm388.48 (tlett mija tmienja u tmenin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistku li sehh gewwa Mgarr nhar it-28 ta' April 2001.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta' tlett mija tmienja u tmenin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm388.48) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Mario Dalli assigurata tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u tlieta u sittin Lira Maltin u tmienja u erbghim centezmu (Lm363.48), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) l-istess Mario Dalli in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' April 2001 ghall-habta tal-11.30pm gewwa Triq is-Sajjied, Mgarr, bejn il-vettura propjeta` ta' l-attur Mario Dalli, bin-numru ta' registrazzjoni BAT 624 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ZAN 131, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da aparti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2003 u ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-11 ta' April 2003 kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta' Mario Dalli, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizzjoni okkorriet fit-triq dritta bejn zewg vetturi li kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta. Ma kien hemm xejn li jfixkilhom – semplicement karozza pparkjati fuq in-naha tat-triq tal-assigurat tas-socjeta` attrici.

Illi l-versjonijiet minnhom moghtija lill-pulizija a tempo vergine gew minnhom riprodotti f'seduta stante. Baqghu jsostnu l-istess versjoni. Rinfaccjat b'sitwazzjoni simili, it-Tribunal ikollu jiddecedi fuq il-kawza prossima tal-incident li tirrizultalu.

Iz-zewg versjonijiet huma tant konfliggenti li zgur ma jghinhux biex jasal ghall-konkluzjoni. Jirrizulta lit-Tribunal li l-istess triq hija pjuttost dejqa kemm jghaddu zewg vetturi nkaxxati, meta jkun hemm ringiela ta' vetturi ipparkjati fuq xi naha. Biex tigi akkordata kollu fuq parti wahda hija difficli li ma taghmilx gustizzja mal-partijiet. A bazi ta' ekwita ghandha tigi akkordata f'porzjoni ugwali 50:50 kull parti.

Illi l-quantum tad-danni ma gewx kontestati u qed jigi akkordat limitatament ghas-somma ta' mija u erbgha u disghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm194.24).

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-attur u l-konvenut ugwalment responsabbli u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' mija erbgha u disghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm 194.24) bl-interessi mil-llum u spejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------